VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,163, 8 ta' Novembru, 2013
Taqsima B

A.L. 379 tal-2013

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2013 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Postgraduate Diploma in Technology-Enchanced Learning (DiTeL) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2013 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Postgraduate Diploma in Technology-Enhanced Learning (DiTeL) u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Postgraduate Diploma in Technology-Enhanced Learning (DiTeL), taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ppubblikati bħala Avviż Legali 152 tal-2011, li minn hawn 'il quddiem jissejħu bħala "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2013 'il quddiem.

L-Emenda fit-titlu tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Technology-Enhanced Learning (MiTeL) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni"

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Technology-Enhanced Learning (MiTeL) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master in Technology-Enhanced Learning (MiTEL);

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master in Technology-Enhanced Learning (MiTEL);

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Technology-Enhanced Learning (DiTEL); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad."

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time*."

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok l-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"5. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom 60 krettu ECTS huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 30 krettu ECTS huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jtemmux b'suċċess id-dissertazzjoni, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

(3) Fil-każijiet fejn l-istudenti ma jkollhomx għarfien essenżjali fil-qasam tal-metodoloġija tar-riċerka, il-Bord jista' jeħtieġ lill-istudenti li jidħlu fil-Kors biex isegwu u jgħaddu minn taqsima/taqsimiet studju supplimentari f'dan il-qasam li għalihom ikun hemm assenjati massimu ta' 10 kretti ECTS b'żieda mal-programm speċifikat fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament."

L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

7. Il-paragrafu (4) li ġej għandu jiżdied wara l-paragrafu (3) tal-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali:

"L-istudenti jitħallew jipproċedu għat-taqsima tad-dissertazzjoni jekk jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja minima ta' 65%."

Iż-Żieda tal-ordinamenti 8 u 9 mal-ordinamenti prinċipali

8. L-ordinamenti 8 u 9 li ġejjin għandhom jiżdiedu wara l-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali:

"Id-Dissertazzjoni

8. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 25,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir waqt it-tielet semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord sal-aħħar tat-tieni semestru.

9. (1) L-istudenti għandhom iżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord rapporti dwar il-progress tal-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru ta' studju. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu."

In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinamenti 8 u 9 tal-ordinamenti prinċipali

9. L-ordinamenti 8 u 9 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 10 u 11.

L-Emenda għall-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali

10. Minflok l-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

10. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs."